MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Numru 829/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**
**V**

**KEVIN STONER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN STONER** ta' sitta w ghoxrin sena bin James u Maria Antoniette nee Incorvaja, imwieled Pieta nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 1980 u joqghod 5, Sqaq numru 2, Triq l-Kbira, Hal Balzan, detentur ta' karta tal-identita numru 264580M gie imressaq quddiemha akkuzat, talli fid-disgha ta' Marzu 2006, u matul dawn l-ahhar snin f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra

mis-somma ta’ elfejn lira maltin, liema somma kienet tappartjeni lis-socjeta Visual and Sound Communications Limited u persuni ohra u li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu bhala impjegat tal-imsemmija socjeta taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha ta’ Marzu 2006 esibita bhala dokument CSH 3, l-okkorrenza relattiva esibita bhala dokument CSH 4, kif wkoll il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta’ Awissu 2006 esibit bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hdax ta’ Settembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-

akkuzi fil-konfront tieghu u b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali kwazi netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu biss kontravenzjoni wahda registrata fuqha li tirrisali ghas-sena 2005 dwar nuqqas ta' manteniment meta nghata *unconditional discharge* w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz sa mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu nhar d-disgha ta' Marzu 2006 esibita fl-atti bhala dokument CSH 3.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat KEVIN STONER hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sena [1] sospiza ghal tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28(A)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qed wkoll tpoggi lil imputat taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation tul l-perjodu kollu sospiz fis-sentenza ta' tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 289(G)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ghal dan l-ghan tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil imputat u ohra tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited ai termini tal-artikolu 289(G)(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qed taghti bhala direttiva ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe <u>tordna</u> lil imputat sabiex jirrestitwixxi lil parti offiza u cioe lis-socjeta Visual Sound Communications Limited is-somma ta' elfejn lira maltin [LM2000] rappresentanti l-hsarat sofferti mill-istess socjeta rizultat tal-agir illegali tal-imputat u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------